X'inhu l-ĠIHAD? • Kif iħares L-IŻLAM lejn it-TERRORIŻMU? • Fl-Iżlam IN-NISA jitqiesu INFERJURI GĦALL-IRĠIEL? • Kif iħares l-IŻLAM lejn il-ħarsien TAL-LIĠIJIET TAL-PAJJIŻ? • X'inhu L-KASTIG li jingħata FL-IŻLAM għal min jidgħi? • X'KASTIG JINGĦATA FL-IŻLAM għal min jiċħad twemminu? • DAWK LI MHUMIEX MUSULMANI, jistgħu jidħlu F'MOSKEA? X'jemmnu l-Musulmani dwar IL-PROFETI U L-ISKRITTURI TAL-IMGĦODDI?

# FAQ

## MISTOQSIJIET KOMUNI DWAR L-IŻLAM

# X'INHU L-ĠIĦAD?

Ġiħad hi kelma Għarbija li tfisser tistinka biex tilħaq xi oġġettiv partikolari. Fil-Koran Imqaddes meta Alla jgħid lill-bnedmin biex jipprattikaw il-Ġiħad, dan ifisser tistinka biex tilħaq kawża nobbli. Dan il-Ġiħad jista' jitwettaq b'diversi modi – kollha kemm huma jfittxu biex jistabbilixxu u jippromwovu l-paċi fis-soċjetà:

**Il-ġlieda biex tirriforma ruħek:**

Din hi meqjusa bħala l-ikbar Ġiħad għaliex hi l-ġlieda kontra t-tentazzjonijiet egoistiċi tagħna bħal ngħidu aħna r-regħba, iż-żina u xewqat oħra materjali. Il-Ġiħad irid mingħandna li nkunu iktar iddixxiplinati magħna nfusna sabiex inkunu nistgħu neżerċitaw kontroll morali fuq il-ħsibijiet u l-azzjonijiet tagħna.

**Id-dmir tal-Misilmin biex iwasslu l-messaġġ veru tal-Iżlam lill-oħrajn:**

Il-Koran Imqaddes jenfasizza li din il-forma ta' Ġiħad għandha ssir bil-għaqal, bit-tolleranza u b'rispett lejn l-oħrajn u t-twemmin tagħhom, u jipprojbixxi l-użu tal-isfurzar jew tal-forza.

**L-infiq mill-ġid tagħna biex ngħinu lil dawk li huma fil-bżonn:**

Li tgħin lil dawk fil-bżonn, irrispettivament mill-kulur, twemmin jew razza, hi forma ta' Ġiħad li mhux biss tgħin biex tnaqqas it-tbatija tal-bnedmin, iżda wkoll biex tistabbilixxi l-paċi soċjali u l-armonija bejn is-sinjuri u l-foqra.

**Il-battalja difensiva:**

Il-Koran Imqaddes jagħmilha ċara li dan it-tip ta' Ġiħad (li hu forma ta' Ġiħad ta' livell mill-aktar baxx) jista' jitwettaq biss f'ċerti ċirkustanzi. Dawn iċ-ċirkustanzi huma mfissra f'dawn il-versi tal-Koran Imqaddes:

*Il-permess għall-ġlied hu mogħti biss lil dawk li l-gwerra tkun saret kontrihom, għaliex huma jkunu ttrattati ħażin – u Alla żgur għandu l-qawwa biex jgħinhom; dawk li jkunu ġew imkeċċija minn djarhom inġustament għaliex ikunu qalu biss, 'Is-Sid tagħna hu Alla'; u jekk*

*Alla ma jkunx warrab ċerti bnedmin permezz ta' oħrajn, żgur li kien ikun hemm it-tkissir ta' monasteri u knejjes u sinagogi u moskej, fejn l-isem ta' Alla hu kkommemorat ta' spiss.*

*(Kap. 22 : Versi 40-41)*

Minn dan joħroġ ċar li l-Musulmani jistgħu jaqbdu l-armi biss biex jiddefendu lilhom infushom jekk ikunu sofrew xi oppressjoni, iffaċċjaw xi theddid għal ħajjithom jew tkeċċew minn djarhom sempliċement għaliex ikunu pprattikaw ir-reliġjon tagħhom.

Fil-fatt, skont l-Iżlam, jekk il-Musulmani jkunu ppersegwitati għaliex ikunu qed jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom, l-ewwel għandhom iħallu l-post fejn qed jiġu maħqura u jfittxu residenza ġdida. Jekk anki f'dan il-post il-ġdid l-oppressur ikompli jhedded lil ħajjithom u jkompli jattakkahom biex iwaqqafhom milli jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom, imbagħad hemmhekk il-Musulmani jingħataw id-dritt li jaqbdu l-armi biex jiddefendu lilhom infushom.

Hu importanti li ninnotaw li l-battalja għandha tkun biss għad-difiża u qatt ma għandha tkun waħda offensiva. Dan hu affermat mill-ġdid mill-Koran Imqaddes li jgħid:

*U ġġieldu għall-kawża ta' Alla kontra dawk li jiġġieldu kontrikom, iżda tiksrux il-liġi. Alla żgur ma jħobbx lil dawk li jiksru l-liġi.*

*(Kap. 2: Vers 191)*

Jekk tinqala' l-ħtieġa għal battalja difensiva, imbagħad l-Iżlam jipprovdi struzzjonijiet ċari lill-Musulmani dwar dak li jista' u ma jistax isir, pereżempju, in-nies ċivili li ma jkunux qed jiġġieldu kontra l-Musulmani ma jistgħux jiġu attakkati, il-propjetà bħal uċuħ tar-raba' u sorsi oħra ta' ikel u xorb, l-isptarijiet, l-orfanatrofji, il-postijiet ta' qima (ta' kull reliġjon) ma għandhomx jinqerdu, u n-nisa, it-tfal, ix-xjuħ u l-immankati m'għandhomx jintmessu. B'hekk, hu ċar ħafna li l-iskop ta' kwalunkwe battalja bħal din ikun biex terġa' tinkiseb il-paċi u mhux biex issir l-aggressjoni.

Il-Ġiħad f'kull forma hu, għalhekk, mod biex nippromwovu l-paċi kemm fina nfusna kif ukoll fis-soċjetà tagħna. Kull azzjoni, għalhekk, li ma twassalx għall-paċi ma nistgħux nirreferu għaliha bħala Ġiħad.

# KIF IĦARES L-IŻLAM LEJN IT-TERRORIŻMU?

L-Iżlam jopponi t-terroriżmu f'kull forma tiegħu għaliex il-kelma 'Iżlam' tfisser litteralment 'paċi u sliem'. Id-dmir ta' kull Musulman li jżomm il-paċi għandu tant għeruq fondi fl-Iżlam li l-Koran Imqaddes jiddeskrivi l-Musulmani fidili b'dal-mod:

***U l-qaddejja ta' Alla l-Ħanin huma dawk li jimxu fl-art b'mod dinjituż, u meta l-injoranti jindirizzawhom, huma jgħidu 'paċi'.***

***(Kap. 25 : Vers 64)***

***Min joqtol bniedem...ikun bħallikieku qatel il-bnedmin kollha.***

***(Kap.5 : Vers 33)***

Ir-raba' Kaliff tal-Komunità Aħmadija fl-Iżlam, Ħażrat Mirża Taħir Aħmad, jispjega l-mod kif l-Iżlam iħares lejn it-terroriżmu bl-iktar mod ċar. Hu qal:

*Fejn għandu x'jaqsam l-Iżlam, dan kategorikament jiċħad u jikkundanna kull forma ta' terroriżmu. Ma jipprovdi l-ebda skuża jew ġustifikazzjoni għal kwalunkwe att ta' vjolenza, kemm jekk issir minn xi individwu kif ukoll minn xi grupp jew gvern... Jien nikkundanna bil-qawwa kollha kull att u kull forma ta' terroriżmu għaliex hu t-twemmin sod tiegħi li mhux biss l-Iżlam iżda wkoll l-ebda reliġjon vera, hu x'inhu l-isem tagħha, ma tista' tapprova l-vjolenza u t-tixrid tad-demm ta' rġiel, nisa u tfal innoċenti f'isem Alla.*

*(Qtil f'Isem Alla, paġni 116 u 119)*

# KIF IĦARES L-IŻLAM LEJN IL-ĦARSIEN TAL-LIĠI TAL-PAJJIŻ?

Fl-Iżlam, l-ubbidjenza lejn il-liġi tal-pajjiż hi dmir reliġjuż. Il-Koran Imqaddes jordna lill-Musulmani biex jibqgħu fidili mhux biss lejn Alla u lejn il-Profeta Qaddis Muħammad (il-paċi u l-barka t'Alla jkunu miegħu), iżda wkoll lejn l-awtorità li taħtha jgħixu. Hekk jgħid:

*Intom ilkoll li temmnu! Obdu lil Alla, u obdu lill-Messaġġier Tiegħu u lil dawk li għandhom l-awtorità fuqkom.*

*(Kap. 4 : Vers 60)*

Dan id-dmir ġie aktar spjegat minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, il-Kap preżenti tal-Komunità Aħmadija fl-Iżlam imferrxa mad-dinja kollha, li qal:

*Musulman ġenwin qatt ma jista' jgħolli leħnu b'mibegħda lejn iċ-ċittadini sħabu, u lanqas lejn l-awtorità jew gvern ta' dak iż-żmien. Hi r-responsabbiltà ta' kull Musulman ġenwin li jibqa' leali u jobdi kompletament il-liġijiet tal-pajjiż li hu suddittu tiegħu.*

(Indirizz fil-ftuħ tal-Moskea Baitul Futuħ ġewwa Morden, Surrey, f'Ottubru 2003)

# FL-IŻLAM IN-NISA JITQIESU INFERJURI GĦALL-IRĠIEL?

Kumpann tal-Profeta Qaddis Muħammad (il-paċi u l-barka t'Alla jkunu miegħu) darba staqsieh "Min hi dik il-persuna li l-iktar jixirqilha trattament tajjeb u kumpanija tajba mingħandi?" Il-Profeta wieġbu: **"Ommok."** Il-kumpann imbagħad staqsieh, "U min warajha?" Il-Profeta wieġeb, **"Ommok".** Il-kumpann imbagħad staqsa l-istess mistoqsija għat-tielet darba u li għaliha l-Profeta **reġa' ta l-istess tweġiba.** Meta l-kumpann staqsa l-istess mistoqsija għal darb'oħra, il-Profeta mbagħad qallu, "Missierek u mbagħad qraba oħra fil-qrib." (Bukhari)

Din it-tweġiba waħedha hi biżżejjed biex topponi l-idea żbaljata li n-nisa huma inferjuri għall-irġiel fl-Iżlam, u partikolarment turi kemm l-Iżlam jagħti importanza lir-rispett li għandha tingħata l-omm mingħand uliedha.

Skont l-Iżlam dawk kollha li jemmnu huma ndaqs u huma biss l-għemejjel it-tajba li jgħollu persuna 'l fuq minn oħra. Madankollu, l-Iżlam jirrikonoxxi wkoll li din l-ugwaljanza ma tfissirx li l-irġiel u n-nisa huma l-istess fejn jidħlu l-ħiliet u r-rwoli li jkollhom. Jitqiesu l-kompetenzi differenti tagħhom kemm fiżiċi kif ukoll emozzjonali u minħabba f'hekk jitfasslu l-aktar rwoli importanti tagħhom fil-ħajja. Kull rwol ma jirriflettix superjorità jew inferjorità, iżda għandu x'jaqsam ma' ħila naturali u dmirijiet adattati. Pereżempju, l-irġiel ġew assenjati d-dmir li jaħdmu u jipprovdu għall-familja tagħhom waqt li n-nisa ġew mogħtija r-rwol tal-maternità u li jieħdu ħsieb id-dar. L-Iżlam jagħti lil dawn it-tnejn l-istess importanza u jenfasizza li dawn ir-rwoli la huma esklussivi u lanqas inflessibbli, jiġifieri, l-Iżlam ma jipprojbix lin-nisa milli jaħdmu jew milli jservu lis-soċjetà, lanqas ma jeħles lill-irġiel mill-parti tagħhom tar-responsabbiltà għal uliedhom, għad-dar u għall-familja.

Fl-Iżlam mara għandha d-dritt li tkun is-sidt individwali ta' propjetà. Jekk tkun miżżewġa u tagħżel li taħdem, imbagħad il-flus li taqla' jkunu tagħha u r-raġel m'għandu l-ebda dritt fuqhom, waqt li r-raġel irid jipprovdi finanzjarjament għall-familja kollha. Kull propjetà li mara takkwista bl-isforz tagħha biss, jew forsi wirtet jew irċeviet bħala legat jew rigal, hija tagħha indipendentement minn żewġha. L-Iżlam ukoll ta lin-nisa d-dritt tal-wirt u huma jirċievu s-sehem tagħhom kif inhu ordnat mix-Xarijah (il-Liġi Iżlamika). Din l-indipendenza ekonomika tan-nisa kienet stabbilita mill-Iżlam ħafna qabel drittijiet simili ngħataw lin-nisa fid-dinja moderna. Fir-Renju Unit, pereżempju, hu sew magħruf li mara miżżewġa ma setax ikollha l-propjetà tagħha sal-1882 meta l-ewwel Att tal-Propjetà għal Nisa Miżżewġa għadda mill-Parlament.

Il-Profeta Qaddis Muħammad (il-paċi u l-barka t'Alla jkunu miegħu) eżalta l-istatus intellettwali u spiritwali tan-nisa. Il-Profeta Qaddis Muhammad (il-paċi u l-barka t'Alla jkunu miegħu) kien jaf kemm ir-rwol tan-nisa kien importanti fl-iżvilupp tas-soċjetà, għalhekk huwa għamel enfasi kbir fuq kif jittellgħu l-bniet billi qal: "Raġel li għandu żewġt ibniet u jtellagħhom u jedukahom mill-aħjar li jista' u jżewwiġhom għandu dritt għall-ġenna." (Meta sema' dan) wieħed staqsa: "O Profeta ta' Alla, x'jiġri jekk ikollu tifla waħda?" Hu wieġeb, "U (anki) waħda." (Al-Moġam Al-Ausat)

# X'INHU L-KASTIG FL-IŻLAM GĦAL MIN JIĊĦAD TWEMMINU?

M'hemmx kastig għall-apostasija fl-Iżlam. Barra minn hekk m'hemmx eżempju wieħed ta' x'kastig jingħata għall-apostasija mogħti mill-Profeta Qaddis Muħammad (il-paċi u l-barka t'Alla jkunu miegħu).

L-Iżlam jenfasizza l-libertà tar-reliġjon għal kulħadd, iħalli lill-bnedmin jimxu fuq ir-reliġjon tal-għażla tagħhom. Dwar dan il-Koran Imqaddes jgħid:

*M'għandux ikun hemm sfurzar fir-reliġjon.*

*(Kap. 2 : Vers 257)*

*Għalik ir-reliġjon tiegħek, għalija r-reliġjon tiegħi.*

*(Kap. 109 : Vers 7)*

Il-libertà tar-reliġjon hi għalhekk prinċipju fundamentali fl-Iżlam u jagħmilha ċara li r-reliġjon hi ħaġa personali bejn il-bniedem u Alla. Il-bnedmin huma ħielsa biex jemmnu f'liema reliġjon iridu u li jibdlu t-twemmin tagħhom mingħajr ebda kastig mill-bniedem (il-Koran Imqaddes Kap. 4 : Vers 138). Madankollu, l-Iżlam ifakkarna li aħna rridu nagħtu kont tat-twemmin tagħna u l-azzjonijiet tagħna quddiem Alla.

# X'INHU L-KASTIG GĦAL MIN JIDGĦI FL-IŻLAM?

M'hemmx kastig fl-Iżlam għal min jidgħi. L-ebda kastig ma jinstab fil-Koran Imqaddes, jew f'xi waħda mit-tradizzjonijiet tal-Profeta Qaddis Muħammad (il-paċi u l-barka t'Alla jkunu miegħu).

L-Iżlam jippromwovi rispett għar-reliġjonijiet kollha f'ġieħ il-paċi fis-soċjetà u ma jsemmi l-ebda kastig għal min jidgħi minkejja l-fatt ta' offiża li tista' tweġġa' lil dawk li jemmnu.

# DAWK LI MHUMIEX MUSULMANI JISTGĦU JIDĦLU ĠEWWA MOSKEA?

Kulħadd jista' jidħol ġewwa moskea sakemm ikun nadif u liebes modestament. Kull min jidħol għandu jneħħi ż-żarbun qabel jirfes ġol-moskea ħalli din tinżamm nadifa minħabba li dawk li jkunu qed jagħtu qima jkunu jridu joqogħdu mal-art. Nies ta' kull twemmin huma wkoll imħollijin jitolbu ġewwa moskea sakemm ma jkunux qed jaduraw l-idoli. Eżempju tajjeb ta' dan huwa meta l-Profeta Qaddis Muħammad (il-paċi u l-barka t'Alla jkunu miegħu) ħalla grupp ta' Nsara jagħmlu servizz ta' talb ġewwa l-moskea tiegħu ġewwa Madinah. (Żurkani)

# X'JEMMNU L-MUSULMANI DWAR IL-PROFETI U L-ISKRITTURI TAL-IMGĦODDI?

Tnejn mis-sitt artikli ta' fidi għall-Musulmani huma li jemmnu fil-Profeti ta' Alla u li jemmnu fl-Iskritturi Divini. Għalhekk il-Musulmani jemmnu li l-Profeti kollha ntbagħtu minn Alla u li l-Iskritturi, fil-forma oriġinali tagħhom, kienu rrivelati Divinament u li, fost ħwejjeġ oħra, għallmu l-unità assoluta ta' Alla.

Skont il-Koran Imqaddes, Alla bagħat lill-Messaġġiera Tiegħu f'kull nazzjon, u dan jgħid:

*M'hemm l-ebda poplu li lilu wieħed li jwissi (Messaġġier) ma ntbagħatx.*

*(Kap. 35 : Vers 25)*

*U għal kull poplu hemm Messaġġier.*

*(Kap. 10 : Vers 48)*

Xi Profeti jissemmew fil-Koran Imqaddes innifsu, bħal Adam, Abraham, David, Salamun, Mosè, Ġesù u Muħammad (il-paċi fuqhom ilkoll). Profeti oħra (mhux imsemmijin fil-Koran Imqaddes b'isimhom) jinkludu Żoroaster, Krixna u Konfuċju (il-paċi fuqhom ilkoll) biex insemmu xi ftit.

Kif semmejna aktar 'il fuq il-Musulmani mhux biss jemmnu fil-Profeti ta' qabel iżda wkoll fir-rivelazzjonijiet u l-Iskritturi mogħtija lill-Profeti minn Alla. Fil-Koran Imqaddes innifsu, hemm riferenza għal erba' kotba rrivelati minbarra l-Koran Imqaddes. Dawn huma:

## Suħuf:

(L-Iskritturi ta' Abraham, il-paċi tkun fuqu, Kap. 87 : Vers 20)
Dwar is-Suħuf ta' Abraham xejn ma nafu dwaru llum. Dawn l-Iskritturi probabbilment qatt ma kienu rrekordjati bil-miktub.

## Tauraat:

(It-Torah ta' Mosè, il-paċi tkun fuqu, Kap. 3 : Vers 4)
It-Tauraat fih l-ewwel ħames kotba tal-Bibbja Ebrajka u fih il-Liġi kompleta għall-Iżraeliti. Dawn il-ħames kotba huma: il-Ġenesi; l-Eżodu; il-Levitiku; il-Ktieb tan-Numri; u d-Dewteronomju. Flimkien dawn il-ħames kotba huma magħrufin bħala l-Pentatewku. It-Torah għadda minn ġenerazzjoni għall-oħra permezz tal-fomm u finalment ġie rrekordjat bil-kitba xi mijiet ta' snin wara Mosè (il-paċi tkun fuqu).

## Żabur:

(Is-Salmi ta' David, il-paċi tkun fuqu, Kap. 4 : Vers 164)
Ftit nafu dwar Żabur illum jew dwar ir-rivelazzjonijiet tal-Profeta David (il-paċi tkun fuqu). Fil-Bibbja Ebrajka hemm ħafna salmi (għanjiet sagri u innijiet) attribwiti lil David (il-paċi tkun fuqu) li jistgħu jiffurmaw parti miż-Żabur.

## Inġil:

(Il-Vanġelu ta' Ġesù Kristu, il-paċi tkun fuqu, Kap. 5 : Vers 47)
L-Inġil jew il-Vanġelu kien irrivelat lill-Profeta Ġesù (il-paċi tkun fuqu) iżda ma kienx miktub matul ħajtu. Wara mewtu, saru attentati biex jirrekordjaw it-tagħlim tiegħu bil-kitba. Mill-ħafna rakkonti, erbgħa ngħażlu mill-Knisja tal-bidu bħala r-rakkonti uffiċjali tat-tagħlim ta' Ġesù (il-paċi tkun fuqu). Dawn l-erba' verżjonijiet tal-Vanġelu nafuhom illum bħala l-Evanġelji ta' San Mattew, San Luqa, San Mark u San Ġwann. Madankollu hemm evanġelji oħra (li mhumiex inklużi fil-Bibbja) li wkoll fihom informazzjoni importanti dwar il-ħajja u t-tagħlim ta' Ġesù (il-paċi tkun fuqu).

**Minbarra l-Koran Imqaddes l-ebda wieħed mill-kotba rrivelati ma żamm il-forma oriġinali tiegħu.**

# IMĦABBA GĦAL KULĦADD, MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

# IL-KOMUNITÀ AĦMADIJA MUSULMANA

Il-Komunità Aħmadija fl-Iżlam hi organizzazzjoni reliġjuża, b'fergħat f'aktar minn 200 pajjiż. Hi l-aktar denominazzjoni dinamika fl-Iżlam fl-istorja moderna; is-sħubija hi stmata li tlaħħaq il-mija u sebgħin miljun ruħ.

Ġiet imwaqqfa minn Ħażrat Mirża Gulam Aħmad (1835-1908) fl-1889 ġewwa raħal żgħir remot jismu Kadjan fil-Punġab, l-Indja. Hu afferma li hu r-riformatur mistenni tal-aħħar żminijiet u dak li hu mistenni li jiġi mill-komunità dinjija tar-reliġjonijiet (il-Maħdi u l-Messija tal-aħħar ġranet). Il-komunità li beda hi l-inkorporazzjoni tal-messaġġ benevolenti tal-Iżlam fil-purità oriġinali tiegħu li dan jippromwovi l-paċi u l-fraternità universali bbażata fuq twemmin f'Alla l-Ħanin u li Dejjem Jaħfer.

B'din il-konvinzjoni, fi żmien seklu, il-Komunità Aħmadija Musulmana kibret globalment u hi taħdem biex twassal it-tagħlim tal-paċi tal-Iżlam billi tiġbor mijiet ta' eluf ta' Ewro għall-karitajiet,

*Il-Komunità Aħmadija kellha rwol vitali u pożittiv fil-komunità... u l-motto ta' Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal Ħadd naħseb li hu wieħed li attwalment il-komunità kollha għandha timxi fuqu.*

(L-Onorevoli Justine Greening, Membru Parlamentari ta' Putney)

*Nixtieq nibda billi ngħid kemm hu importanti x-xogħol tal-Komunità Aħmadija. Dan japprofondixxi l-fehim ta' oħrajn u kif wieħed iħares lejn il-fidi u jagħti vuċi lil dawk li huma mwarrba fil-ġenb fis-soċjetajiet tagħhom stess.*

(L-Onorevoli Gillian Merron, Membru tal-Parlament għal Lincoln)

# Imħabba għal Kulħadd
# Mibegħda għal Ħadd

Għal iktar informazzjoni:

www.ahmadiyyamalta.org
www.ahmadija.org.mt

Email:
amjmalta@gmail.com

Mob: (+356) 79320139
Tel: 21322105 ; Fax: 27322105

Il-Komunità Ahmadija Musulmana Malta

Frequently Asked Questions (FAQ) about Islam, in the Maltese Language, published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

First published and printed in Malta in 2011
© Islam International Publications Limited
"Islamabad", Sheephatch Lane, Tilford
Surrey GU10 2AQ, United Kingdom
ISBN: 978-1-84880-666-5